**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Amante Camilleri

**Inġurja - Oltraġġ**

*F'din is-sentenza l-Qorti rriteniet li diskors fis-sens li l-pulizija ppruvaw jaghmlu* frame up, *bla dubbju ta' xejn, huwa inġurjuż ghax jimplika li l-uffiċjali tal-pulizija kkonċernati kienu qed jaghmlu att illegali u infami billi jippjantaw provi jew ibaghbsu maghhom bl-iskop li jinkastraw lill-appellant.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Amante Camilleri talli fis-6 ta' Marzu, 1995: (1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina bi ksur tal-liġi; (2) kiser il-kundizzjoni imposta b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-14 ta' Jannar, 1993, li ma jikkommettix reat iehor fi żmien tliet snin; (3) inġurja jew hedded lil persuni inkarigati minn servizz pubbliku u ċjoe' lil PS 545 J. Refalo, PC 657 M. Micallef u PC 1057 M. Cuschieri, waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Diċembru, 1996, li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Amante Cmilleri mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, iżda sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 95 tal-Kap. 9 ikkundanatu ghall-piena ta' tliet xhur priġunerija bit-tnaqqis taż-żmien li ghamel taht arrest preventiv; dik il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tad-Dok. NH1 b'opera tar-Reġistratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Amante Camilleri minnu ppreżentat fit-23 ta' Diċembru, 1996 li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li din il-Qorti tilliberah ukoll mill-imsemmija tielet imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluża n-nota ta' l-appellant tat-3 ta' Ġunju, 1997; semgħet lill-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju prinċipali ta' l-appellant, kif miġjub *fir-rikors* tiegħu, hu bażikament illi huwa, meta qal ċertu diskors lill-uffiċjali tal-pulizija, ma kellux il-*mens rea* rikjesta mil-liġi peress li kien karenti fih l-*animus inuriandi*. Hu jikkontendi li kull ma għamel kien sempliċment li *pprotesta l-innoċenza* tiegħu billi rrimarka dwar l-aġir tal-pulizija li fil-fehma tiegħu u dak il-ħin ġenwinament deherlu li kien aġir illegali. Għalhekk, kompla jelabora l-abbli difensur tiegħu, l-appellant kien sempliċement qed jeżerċita' d-dritt tiegħu tal-liberta' ta' espressjoni;

*Omissis*;

Kif ġie ritenut mill-Qorti Kriminali, sedenti l-kompjant *Imħallef William Harding*, *fis*-sentenza *fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs* Emmanuele Cassar**, deċiża fit-12 ta' Diċembru, 1936 (Kollez. Deċiż. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltraġġ hemm bżonn li l-kliem denunzjati bħala inġurjużi jkunu ngħadu lil wieħed li għandu l-kwalifika ta' uffiċjal pubbliku, u li jkunu ngħadu *offcio durante vel contemplatione officii*. Rekwiżit ieħor huwa li l-kliem jiġu pprofferiti fil-presenza ta' l-uffiċjal in kwistjoni, ossia *de visu*, għax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltraġġ iżda dak ta' inġurja komuni. Inoltre hemm bżonn li l-kliem (jew ġesti, kitba, disinji, eċċ.) jkunu fil-fatt inġurjużi, kif ukoll hemm bżonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wieħed joffendi uffiċjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), ċjoe' dana l-*animus injuriandi*, jiġi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu *per se* inġurjużi u tali li wieħed għandu raġonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-ħsieb li l-persuna li għaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun inġurjata, ċjoe' bil-ħsieb li jintilef jew

jitnaqqas il-ġieħ ta' dik il-persuna. Jekk, pero', il-kliem ma jkunx *per se* u mad-daqqa t'għajn inġurjuż, trid issir indaġini biex wieħed jistabbilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-liġi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'ċirkostanzi u b'tali mod li kienu inġurjużi għall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-aġent bl-intezjoni li joffendu. Fi kliem ieħor, anke jekk il-kliem ikun *per se* u mad-daqqa t'għajn inġurjużi, jista' jagħti l-każ li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu iżda, per ezempju, b'ċajta (*animus jocandi*) jew filwaqt li l-aġent ikun qiegħed leġittimament jipprotesta kontra xi aġir partikolari (*animus reclamandi*). Għalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-ħsieb ta' l-aġent ma kienx li jinġurja iżda li jagħmel rimostranza, jiġi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, iżda, ċertament għandha l-limiti tagħha; il-kliem li jingħad u speċjalment il-mod kif jingħad għandu jkun limitata sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod għalhekk li f'każ ta' eċċess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiża li dak il-kliem ikun intqal *animus reclamandi*;

Fil-każ in diżamina, għalkemm l-appellant kellu kull dritt jinnega, u jinnega, jekk hemm bżonn b'mod qawwi, li l-qartas kien tiegħu, u seta' anke ġenwinament ħaseb li dan tqiegħed hemm mill-uffiċjali tal-pulizija, u għalhekk kellu dritt jipprotesta dan il-fatt ma' l-istess uffiċjali, il-mod li bih ġab ruħu kemm ma' l-istess uffiċjali kif ukoll ma' ħutu u ċjoe' b'ħafna għajat u b'ripetizzjoni tad-diskors ta' *frame up* - diskors li baqa' jirrepetih u jindirizzah lill-uffiċjali kkonċernati anke wara li ttieħed id-*depot* - jeżorbita mis-sempliċi rimonstranza. Din il-Qorti m'għandhiex dubbju li wara l-protesta inizjali (fir-residenza tiegħu) l-appellant irritalja kontra l-uffiċjali tal-pulizija in kwistjoni billi baqa' jinsisti li dawn kien qed jagħmlulu *frame up*. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, il-mod kif ġab ruħu l-appellant fid-dar ta' ommu kellu l-effett li ssieħbu miegħu ħutu fl-għajat u fl-akkużi kontra l-uffiċjali tal-pulizija. Fiċ-ċikorstanzi partikolari tal-każ

għalhekk, jiffiguraw l-estremi tar-reat ta' oltraġġ ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;

L-appellant jilmenta ukoll dwar il-piena li huwa jqis li kienet eċċessiva. Għalkemm din il-Qorti hi tal-fehma li l-oltraġġ in kwistjoni kien wieħed gravi u mhux ta' min jimminimizzah, il-fatt li kien jikkonsisti biss f'inġurja u mhux ukoll f'theddid jew offiża fuq il-persuna jagħmel il-piena ta' multa aktar indikata minn dik ta' priġunerija;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni, fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, fejn sabitu ħati skond it-tielet imputazzjoni u fejn ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tad-Dokument NH1 b'opra tar-Reġistratur tal-Qorti tħassaraha u tirrevokaha fil-bqija u ċjoe' f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv u minflok dik il-piena tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' multa ta' mitejn u għoxrin lira (Lm220) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'erbgħin (40) jum priġunerija.